



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 25.9.2012
COM(2012) 553 final

2011/0282 (COD)

**Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 627 finali/3 għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
(FAEŻR)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-adeżjoni tal-Kroazja fl-UE hija skedata għall-1 ta' Lulju 2013. Għalkemm l-Att ta' Adeżjoni¹ għadu ma ġiex irratifikat mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni dan l-aħħar aġġornat il-proposti tagħha tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali² fid-dawl tal-adeżjoni tal-Kroazja. Eżerċizzju ta' aġġustament simili għandu jitħejja għall-proposti ta' riforma tal-PAK, biex jiġi żgurat li ladarba jkunu adottati, il-Kroazja tkun koperta bis-sħiħ bħala Stat Membru ġdid.

L-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 671/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 dwar l-applikazzjoni tal-pagamenti diretti lill-bdiewa fir-rigward tas-sena 2013³ ttiprovdi għall-aġġustament volontarju, għar-Renju Unit, li bih fondi għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2013 isiru disponibbli għall-perjodu ta' programmar li jmiss tal-iżvilupp rurali. B'konsegwenza ta' dan, għandu jkun hemm dispożizzjoni rilevanti, fil-proposta ta' riforma tal-PAK, li tippermetti t-trasferiment ta' fondi mill-FAEŻR għall-iżvilupp rurali.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ma kien hemm l-ebda hteieġa ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati jew ta' valutazzjoni tal-impatt, billi dawn l-aġġustamenti, fir-rigward tal-Kroazja, huma b'segwitu għall-Att ta' Adeżjoni, u b'rabta mal-aġġustament volontarju għar-Renju Unit, huma b'segwitu wkoll għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 671/2012.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-aġġustament se jieħu l-forma ta' emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 627 finali/3 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), sabiex:

- tiddaħħal miżura addizzjonali temporanja dwar l-iffinanzjar tal-pagamenti diretti nazzjonali kumplimentari;
- ikun hemm dispożizzjoni għal kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-Kroazja b'rabta mal-LEADER (kontribut minimu tal-FAEŻR riżervat għal-LEADER ta' 2.5 % flok 5 %), u investimenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE⁴ għal perjodu massimu ta' erba' snin (dispożizzjoni ta' rata ta' appoġġ ta' 75 %);
- il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta regoli tranżizzjonali għat-tranżizzjoni tal-Kroazja mill-appoġġ fil-qafas tal-IPARD għal appoġġ fil-qafas tar-reġim il-ġdid tal-Iżvilupp Rurali, li jkopri wkoll l-evalwazzjoni ex-post.

¹ ĠU L 112 tal-24 ta' April 2012.

² COM(2012) 388 tas-6 ta' Lulju 2012.

³ ĠU L 204, 31.7.2012, p.11.

⁴ ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

Fir-rigward tal-aġġustment volontarju għar-Renju Unit, l-aġġustament jikkonsisti fl-introduzzjoni ta' referenza għall-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 73/2009⁵.

4. BUDGETARY IMPLICATION

L-emenda ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja, għajr dawk diġà stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposti aġġornati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

⁵ ĠU L 52, 31.1.2009, p. 1.

**Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 627 finali/3 għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
(FAEŻR)**

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 627 finali/3 hija emendata kif ġej:

(1) Il-premessa (70) tinbidel b'dan li ġej:

"(70) Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni bla xkiel mis-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għas-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat, fir-rigward tal-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet tranżizzjonali. Sabiex jitqies it-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, dawk l-atti għandhom ikopru wkoll, għall-Kroazja, it-tranżizzjoni mill-appoġġ għall-iżvilupp rurali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)*, fejn meħtieġ.

* ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1."

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 40a li ġej:

“Artikolu 0a

Finanzjament ta' pagamenti diretti nazzjonali kumplementari għall-Kroazja

1. Jista' jingħata appoġġ lill-bdiewa eliġibbli għall-pagamenti diretti nazzjonali kumplementari skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (UE) Nru [DP/2012]. Il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu għandhom japplikaw għall-appoġġ li għandu jingħata skont dan l-Artikolu.
2. L-appoġġ mogħti lil bidwi fir-rigward tas-snin 2014, 2015 u 2016 ma għandux jaqbeż id-differenza bejn:
 - (a) il-livell ta' pagamenti diretti applikabbli fil-Kroazja għas-sena kkonċernata skont l-Artikolu 16a tar-Regolament (UE) Nru [DP/2012]; u
 - (b) 45 % tal-livell korrispondenti tal-pagamenti diretti kif applikati mill-2022 'l hemm.
3. Il-kontribut tal-Unjoni għall-appoġġ mogħti skont dan l-Artikolu fil-Kroazja fir-rigward tas-snin 2014, 2015 u 2016 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-allokkazzjoni totali annwali rispettiva tal-FAEŻR.
4. Ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-komplementi għall-pagamenti diretti ma għandhiex taqbeż it-80 %.

(3) Fl-Artikolu 64, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Minbarra l-ammonti msemmija fil-paragrafu 4, l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-istess paragrafu għandu jinkludi wkoll il-fondi ttrasferiti lejn il-FAEŻR b'applikazzjoni tal-Artikoli 7(2) u 14(1) tar-Regolament (UE Nru DP/2012) u l-fondi ttrasferiti lejn il-FAEŻR b'applikazzjoni tal-Artikoli 10b u 136 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009* fir-rigward tas-sena kalendarja 2013.

* ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16."

(4) Fl-Artikolu 65, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Mill-anqas 5 %, u fil-każ tal-Kroazja 2.5 %, tal-kontribut totali tal-FAEŻR lill-programm ta' żvilupp rurali għandu jiġi rriżervat għal-LEADER."

(5) L-Artikolu 95 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 95

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Sabiex tiffaċilita t-tranżizzjoni mis-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għas-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 90, b'rabta mal-kundizzjonijiet li skonthom l-appoġġ approvat mill-Kummissjoni fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jista' jiġi integrat f'appoġġ previst skont dan ir-Regolament, inkluż għall-assistenza teknika u għall-evalwazzjonijiet ex-post. Dawk l-atti ddelegati jistgħu wkoll jipprovdu kundizzjonijiet għat-tranżizzjoni mill-appoġġ għall-iżvilupp rurali għall-Kroazja skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 għall-appoġġ stipulat skont dan ir-Regolament."

(6) Fl-Anness I, ir-raba' filliera tinbidel b'dan li ġej:

"

1 8 (3)	Investim enti f'assi fiżiċi	5 0 % 7 5 % 7 5 % 6 5 % 4 0 %	<p><u>Is-settur agrikolu</u></p> <p>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati</p> <p>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda</p> <p>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fil-Kroazja għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE* f'perjodu massimu ta' erba' snin mid-data tal-adeżjoni skont l-Artikoli 3(2) u 5(1) ta' dik id-Direttiva</p> <p>Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew</p> <p>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra</p> <p>Ir-rati ta' hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'20 %, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiż id-90 %, għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Bdiewa żgħażaġh li jkunu qed jistabilixxu ruħhom - Investimenti kollettivi u proġetti integrati - Żoni li jiffaċċjaw limitazzjonijiet naturali kif imsemmija fl-Artikolu 33. - Operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tal-EIP <p>L-ipproċessar u l-</p>
-----------------------	--------------------------------------	---	--

		5 0 %	<u>kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-Anness I</u>
		7 5 %	Tal-ammont ta' investment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati
		6 5 %	Tal-ammont ta' investment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda
		4 0 %	Tal-ammont tal-investment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew
			Tal-ammont ta' investment eliġibbli f'reġjuni oħra
			Ir-rati ta' hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'20 %, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx id-90 %, għal operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-EIP

* ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1."

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

- - Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 625 finali/3 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni;
- - Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 626 finali/3 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq ta' prodotti agrikoli (Regolament dwar l-OKS Unika);
- Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 627 finali/3 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);
- Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

1.2. Il-qasam / l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB⁶

Titolu tal-Qasam ta' Politika 05 tal-Intestatura 2

1.3. Natura tal-proposta / inizjattiva (Qafas leġiżlattiv għall-PAK wara l-2013)

Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda azzjoni ġdida

Il-proposta / inizjattiva hija relatata ma' azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja⁷

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' estensjoni ta' azzjoni eżistenti

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida

1.4. Għanijiet

1.4.1. *Għan jew għanijiet strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / inizjattiva*

Sabiex jitħeġġeġ l-użu effiċjenti tar-riżorsi bil-għan li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għall-iżvilupp agrikolu u rurali tal-UE skont l-Istrateġija Ewropa 2020, l-għanijiet tal-PAK huma:

- Produzzjoni vjabbli tal-ikel;

⁶ ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni bbażata fuq l-attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Ibbaġitjar Skont l-Attività).

⁷ Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni kontra t-tibdil fil-klima;
- Żvilupp territorjali bbilanċjat.

1.4.2. *Għan jew għanijiet speċifiċi u l-attività jew l-attivitàjiet ABM/ABB kkonċernati*

Għanijiet speċifiċi għall-Qasam ta' Politika 05:

Għan speċifiku Nru 1:

Li jkunu pprovduti beni pubbliċi ambjentali

Għan speċifiku Nru 2:

Li jkun hemm kumpens għad-diffikultajiet fil-produzzjoni f'żoni b'limitazzjonijiet naturali speċifiċi

Għan speċifiku Nru 3:

Li jitkomplew il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-azzjonijiet ta' adattament

Għan speċifiku Nru 4:

Li l-baġit tal-UE (PAK) ikun ġestit skont standards għoljin ta' ġestjoni finanzjarja

Għan speċifiku għall-ABB 05 02 – Intervenzjonijiet fis-swieg agrikoli:

Għan speċifiku Nru 5:

Li titjeb il-kompetittività tal-qasam agrikolu u jissaħħaħ is-sehem tal-valur tagħha fil-katina alimentari

Għan speċifiku għall-ABB 05 03 – Għajnuniet diretti:

Għan speċifiku Nru 6:

Li jkun hemm kontribuzzjoni għall-introjt agrikolu u tkun limitata l-varjabbiltà tiegħu

Għan speċifiku għall-ABB 05 04 – Żvilupp Rurali:

Għan speċifiku Nru 7

Li jitrawwem it-tkabbir ekoloġiku permezz tal-innovazzjoni

Għan speċifiku Nru 8:

Li jkun appoġġjat l-impjieg rurali u li tiġi ppreżervata il-fibra soċjali taż-żoni rurali

Għan speċifiku Nru 9

Li tittejjeb l-ekonomija rurali u tkun imħeġġa d-diversifikazzjoni

Għan speċifiku Nru 10

Li jkun hemm lok għal diversità strutturali fis-sistemi tal-biedja

1.4.3. *Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija*

F'dan l-istadju mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi għall-indikaturi tal-impatt. Għalkemm il-politika tista' timxi f'ċerta direzzjoni, l-eżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali kumplessivi mkejla minn indikaturi bħal dawn, fl-aħħar mill-aħħar jiddependu wkoll mill-impatt ta' firxa ta' fatturi esterni, li hekk kif turi esperjenza riċenti, saru sinifikanti u imprevedibbli. Għada qed issir analiżi ulterjuri, li għandha tkun lesta fil-perjodu wara l-2013.

Fir-rigward tal-pagamenti diretti, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu, sa ċertu punt, dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti komponenti tal-iskemi ta' pagamenti diretti.

Fir-rigward tal-iżvilupp rurali, ir-riżultati u l-impatt mistennija se jiddependu fuq il-programmi ta' żvilupp rurali li l-Istati Membri se jressqu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri se jkunu mitluba jstabbilixxu miri fil-programmi tagħhom.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Il-proposti jipprovdu għall-istabbiliment ta' qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bl-għan li jitkejlu r-riżultati tal-Politika Agrikola Komuni. Dak il-qafas għandu jinkludi l-istrumenti kollha marbuta mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri tal-PAK, u b'mod partikolari tal-pagamenti diretti, tal-miżuri tas-suq, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali, kif ukoll tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità.

L-impatt ta' dawn il-miżuri tal-PAK għandhom jitkejlu b'rabta mal-oġġettivi li ġejjin:

- (a) produzzjoni vijabbli tal-ikel, b'enfażi fuq l-introjt agrikolu, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;
- (b) ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni kontra t-tibdil fil-klima, b'enfażi fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma;
- (c) żvilupp territorjali bbilanċjat, b'enfasi fuq l-impjieg rurali, it-tkabbir u l-faqar fiż-żoni rurali.

Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi s-sett ta' indikaturi li huma speċifiċi għal dawn l-oġġettivi u l-oqsma.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-iżvilupp rurali, qed tiġi proposta sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni msaħħa. Dik is-sistema għandha l-għan (a) li turi l-progress u l-kisbiet tal-politika tal-iżvilupp rurali u tivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza u r-relevanza tal-interventi tal-politika tal-iżvilupp rurali; (b) li tikkontribwixxi biex ikun hemm appoġġ immirat aħjar lejn l-iżvilupp rurali; u (c) li tappoġġja proċess komuni ta' taġħlim marbut mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, lista ta' indikaturi komuni marbuta mal-prijoritajiet tal-politika

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-PAK li huma l-istess bħalma hemm imniżżel fl-istrateġija Ewropa 2020 għaż-żoni rurali Ewropej u li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tat-Trattat, il-proposti, kif emendati biex iqisu l-Adeżjoni tal-Kroazja, għandhom l-għan li jistabbilixxu l-qafas leġislativ tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2013.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-PAK futura mhux biss se tkun politika li taħseb għal parti żgħira, iżda essenzjali tal-ekonomija tal-UE, iżda wkoll politika ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel, l-ambjent u l-bilanċ territorjali. Għaldaqstant, il-PAK, bħala politika tabilħaqq komuni, tuża bl-aktar mod effiċjenti r-riżorsi limitati tal-baġit billi żżomm agrikoltura sostenibbli fl-UE kollha, tindirizza kwistjonijiet transfruntiera importanti bħat-tibdil fil-klima, u ssaħħaħ is-solidarjetà fost l-Istati Membri.

Kif hemm imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020"⁸, il-PAK hija politika ġenwinament Ewropea. Minflok iħaddmu 28 politika u baġit agrikoli differenti, l-Istati Membri jikkondividu r-riżorsi sabiex joperaw politika Ewropea unika b'baġit Ewropew uniku. Naturalment dan ifisser li proporzjon sinifikanti mill-baġit tal-UE jiġi allokat għall-PAK. Madankollu, dan l-approċċ huwa kemm aktar effiċjenti kif ukoll aktar ekonomiku minn approċċ nazzjonali mhux ikkoordinat.

1.5.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-qafas politiku attwali, ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati kif ukoll ta' analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet futuri, twettqet valutazzjoni komprensiva tal-impatt. Aktar dettalji jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt u fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposti legali.

1.5.4. *Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

Il-proposti leġislativi kkonċernati minn din id-dikjarazzjoni finanzjarja għandhom ikunu kkunsidrati fil-kuntest usa' tal-proposta għal regolament ta' qafas uniku b'regoli komuni għall-fondi tal-qafas strateġiku komuni (il-FAEŻR, il-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMS). Dak ir-regolament ta' qafas se jagħti kontribut importanti sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, sabiex il-fondi tal-UE jintefqu b'mod effettiv u sabiex isseħħ is-simplifikazzjoni fil-prattika. Dan isostni wkoll il-kunċetti ġodda tal-qafas strateġiku komuni għal dawn il-fondi kollha u l-Kuntratti ta' Sħubija li ġejjin li wkoll se jkopru dawn il-fondi.

Il-qafas strateġiku komuni li se jiġi stabbilit se jsarraf l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 fi prijoritajiet għall-FAEŻR flimkien mal-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMS. Dan għandu jiżgura l-użu integrat tal-fondi, u jwassal għall-ilħiq ta' għanijiet komuni.

⁸ COM(2011) 500 finali tat-29 ta' Ġunju 2011.

Il-qafas strateġiku komuni ser jistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ma' politiki u strumenti rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-PAK, għandhom jinkisbu sinerġiji sinifikanti u effetti tas-simplifikazzjoni permezz tal-armonizzazzjoni u l-allinjament tar-regoli tal-ġestjoni u kontrolli għall-ewwel (FAEG) u t-tieni (FAEŻR) pilastru tal-PAK. Ir-rabta b'saħħita bejn il-FAEG u l-FAEŻR għandha tinżamm u l-istrutturi li diġà qed għin fis-seħħ mill-Istati Membri għandhom jinżammu.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

x Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat (għal abbozzi ta' regolamenti dwar skemi ta' pagamenti diretti, żvilupp rurali u regolamenti tranżizzjonali)**

– x Proposta / inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– x Impatt finanzjarju għall-perjodu tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss. Għall-iżvilupp rurali, impatt fuq il-pagamenti sal-2023.

x Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat (għall-abbozz ta' regolament dwar l-OKS Unika u r-regolament orizzontali)**

– Implimentazzjoni mill-2014.

1.7. Il-metodu / metodi ta' ġestjoni previst(i)⁹

x **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

Ġestjoni ċentralizzata indiretta b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– aġenziji eżekuttivi

– korpi stabbiliti mill-Komunitajiet¹⁰

– korpi nazzjonali mis-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

x **Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*trid tiġi speċifikata*)Kummenti

L-ebda tibdil ta' sustanza meta mqabbel mal-qagħda preżenti, jiġifieri l-maġġoranza tan-nefqa kkonċernata mill-proposti leġiżlattivi dwar ir-riforma tal-PAK se tkun ġestita mill-ġestjoni maqsuma

⁹ Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-internet tal-baġit (BudgWeb) li ġej: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

¹⁰ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

mal-Istati Membri. Madankollu, parti ferm żgħira se tkompli taqa' taħt il-ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

F'termini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull 4 snin. Il-preżentazzjoni tal-ewwel rapport għandha ssir mhux aktar tard minn tmiem l-2017.

Dan huwa kkumplimentat minn dispożizzjonijiet speċifiċi fl-oqsma kollha tal-PAK, b'diversi rekwiżiti ta' rappurtar u notifiki komprensivi li għandhom ikunu speċifikati fir-regoli ta' implimentazzjoni.

Fir-rigward tal-iżvilupp rurali, hemm ipprovduti wkoll regoli għall-monitoraġġ fuq il-livell tal-programm, li se jiġi allinjat mal-fondi l-oħrajn u abbinat mal-evalwazzjonijiet ex ante, dawk kontinwi u l-evalwazzjonijiet ex post.

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Hemm aktar minn seba' miljun benefiċjarju tal-PAK, li jirċievu appoġġ fil-kuntest ta' varjetà kbira ta' skemi ta' għajna differenti, li kull waħda minnhom ikollha kriterji ta' eliġibbiltà ddettaljati u xi drabi kumplessi.

It-tnaqqis fir-rata ta' żbalji fil-qasam tal-politika agrikola komuni diġà jista' jitqies bħala xejra. Għaldaqstant, dan l-aħħar, rata ta' żball li toqrob lejn it-2 % tikkonferma l-valutazzjoni globali pożittiva għas-snin ta' qabel. L-intenzjoni hija li l-isforzi jissuktaw sabiex tinkiseb rata ta' żball taħt it-2 %.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Il-pakkett leġislattiv, b'mod partikolari l-proposta għar-regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni, għandha l-għan li żżomm u ssaħħa is-sistema attwali stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Jipprovi għal struttura amministrattiva obbligatorja fil-livell tal-Istat Membru, iffukat madwar l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati, li huma responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli fil-livell tal-benefiċjarju finali skont il-prinċipji stabbiliti fil-punt 2.3. Kull sena, il-kap ta' kull aġenzija tal-pagamenti jintalab li jipprovi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li tkopri l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, il-funzjonament xieraq tas-sistemi interni ta' kontroll, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Huwa meħtieġ korp ta' awditjar indipendenti sabiex jipprovi opinjoni dwar dawn it-tliet elementi.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel awditjar tan-nefqa agrikola, billi tuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiżgura li l-eżerċizzji tal-awditjar huma mmirati lejn dawk l-oqsma bl-akbar riskju. Fejn dawn l-eżerċizzji tal-awditjar juru li n-nefqa tkun saret bi ksur tar-regoli tal-Unjoni, il-Kummissjoni se teskludi l-ammonti kkonċernati mill-finanzjament tal-Unjoni skont is-sistema ta' approvazzjoni tal-konformità.

Fir-rigward tal-ispiża tal-kontrolli, qed tkun ipprovduta analiżi ddettaljata fl-Anness 8 għall-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposti leġiżlattivi.

Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-FAEG u tal-FAEŻR se ssaħħaħ il-kontroll pubbliku tal-użu tal-flus, u se tikkontribwixxi għall-viżibbiltà u l-fehim aħjar tal-PAK.

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Il-pakkett leġiżlattiv, b'mod partikolari l-proposta għar-regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni, għandu l-għan li jżomm u jsaħħaħ is-sistemi dettaljati attwali għall-kontrolli u penalitajiet li għandhom jiġu applikati mill-aġenziji ta' pagament, b'karatteristiċi bażiċi komuni u regoli speċjali magħmula apposta għall-ispeċifikazzjonijiet ta' kull sistema ta' għajjnuna. Ġeneralment, is-sistemi jipprovdu għal kontrolli amministrattivi eżawrjenti ta' 100 % tal-applikazzjonijiet tal-għajjnuna, kontrolli reċiproċi ma' bażijiet ta' dejta oħra fejn dan huwa meqjus xieraq kif ukoll verifiki fuq il-post ta' hla minn qabel ta' għadd minimu ta' tranżazzjonijiet, li jiddependu mir-riskju marbut mas-sistema inkwistjoni. Jekk dawn il-verifiki fuq il-post jiżvelaw għadd kbir ta' irregolaritajiet, għandhom jitwettqu verifiki addizzjonali. F'dan il-kuntest, l-aktar sistema importanti hija s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC), li fis-sena finanzjarja 2010 kienet tkopri madwar 80 % tan-nefqa totali fil-kuntest tal-FAEG u l-FAEŻR. Għall-Istati Membri b'sistemi ta' kontroll li jiffunzjonaw kif xieraq u b'rati baxxi ta' żbalji, il-Kummissjoni se jkollha s-setgħa li tippermetti tnaqqis fl-għadd ta' verifiki fuq il-post.

Il-pakkett għandu wkoll l-għan li l-Istati Membri jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi, li jimponu penalitajiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif inhu stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali, u li jirkupraw kwalunkwe pagamenti irregolari flimkien mal-imgħax. Il-pakkett jinkludi mekkaniżmu awtomatiku ta' approvazzjoni għall-każijiet ta' irregolarità, li jipprovdi li jekk l-irkupru ma jkunx seħħ fi żmien erba' snin mid-data tat-talba tal-irkupru, jew fi żmien tmien snin f'każ ta' proċedimenti legali, l-ammonti li ma jiġux irkuprati għandhom jiġihallu mill-Istat Membru kkonċernat. Il-mekkaniżmu se jkun inċentiv b'saħħtu biex l-Istati Membri jirkupraw pagamenti irregolari malajr kemm jista' jkun.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

L-ammonti indikati f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja huma espressi fi prezzijiet kurrenti u f'impenji.

Minbarra t-tibdiliet li jirriżultaw mill-proposti leġiżlattivi kif elenkati fit-tabelli meħmużin hawn taħt, il-proposti leġiżlattivi jimplikaw aktar tibdiliet li ma jkollhomx impatt finanzjarju.

F'dan l-istadju, għal kwalunkwe sena mill-perjodu ta' snin bejn l-2014 u l-2020, ma tistax tkun eskluża l-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja. Madankollu, dan mhux se jiddependi mill-proposti ta' riforma minnhom infushom, iżda minn fatturi oħra, bħall-użu tal-għajnuniet diretti jew żviluppi futuri fis-swieq agrikoli.

Fir-rigward tal-għajnuniet diretti, il-limiti massimi netti estiżi għall-2014 (sena kalendarja 2013) inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' pagamenti diretti fis-sena ta' tranżizzjoni 2013 (COM(2011) 630)¹¹ huma ogħla mill-ammonti allokat i għall-għajnuniet diretti indikati fit-tabelli mehmużin. L-għan ta' din l-estensjoni huwa li tkun żgurata kontinwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti f'xenarju li fih l-elementi l-oħra kollha jibqgħu ma jinbidlux, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa possibbli li jiġi applikat il-mekkaniżmu finanzjarju ta' dixxiplina.

Il-proposti ta' riforma jinkludu dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Istati Membri grad stabbilit ta' flessibilità fir-rigward tal-allokkazzjoni tagħhom tal-għajnuniet diretti għall-iżvilupp rurali. F'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw dik il-flessibilità, dan għandu jħalli konsegwenzi finanzjarji fil-limiti tal-ammonti finanzjarji pprovduti, li f'dan l-istadju ma jistgħux ikunu kwantifikati.

Il-proposta ta' riforma għall-pagamenti diretti fiha dispożizzjoni dwar it-tnaqqis progressiv u l-istabbiliment ta' livelli massimi tal-pagamenti diretti. Il-prodott tal-istabbiliment ta' livelli massimi, li għandu jiġi ttrasferit għall-iżvilupp rurali, ġie stmat sabiex jiġu ddeterminati l-livelli massimi netti tal-pagamenti diretti (l-Anness III tal-proposta). Din l-istima kienet imsejsa fuq preżunzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-pagamenti diretti mill-Istati Membri, u għaldaqstant ser ikollha tiġi riveduta ladarba l-Istati Membri jkunu nnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni. Barra minn hekk, għall-Kroazja, f'dan l-istadju mhux possibbli li jiġi stmat il-prodott tal-istabbiliment ta' livelli massimi minħabba n-nuqqas ta' disponibilità ta' dejta. Stima raffa tal-ewwel, abbażi ta' tagħrif preliminari, uriet li l-prodott tal-istabbiliment ta' limiti massimu jkun żero għall-Kroazja. Din l-istima se tiġi riveduta ladarba jkun hemm tagħrif disponibbli.

Din id-dikjarazzjoni finanzjarja ma tikkunsidrax l-użu possibbli tar-riżerva għall-kriżijiet. Għandu jinsaħaq li l-ammonti kkunsidrati għan-nefqa marbuta mas-suq huma bbażati fuq nuqqas ta' xiri sfurzati mingħajr intervent pubbliku, u fuq miżuri oħra marbuta mas-sitwazzjoni ta' kriżi f'kull settur.

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

¹¹ Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill mistennija jiffinalizzaw il-pakkett fil-ħarifa tal-2012.

Tabella 1: Ammonti għall-PAK li jinkludu ammonti kumplimentari previsti fil-proposti tal-QFM u l-proposti ta' riforma tal-PAK

F'miljun EUR (prezzijiet kurrenti)

Sena tal-baġit	2013	2013 aġġustat (1)	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL 2014-2020
Fil-QFM										
Intestatura 2										
Għajnuniet diretti u nefqa marbuta mas-suq (2) (3) (4)	44 939	45 304	44 956	45 199	45 463	45 702	45 729	45 756	45 783	318 589
Dħul allokati stmat	672	672	672	672	672	672	672	672	672	4 704
P1 Għajnuniet diretti u nefqa marbuta mas-suq (bi dħul allokati) (5)	45 611	45 976	45 628	45 871	46 135	46 374	46 401	46 428	46 455	323 293
P2 Żvilupp Rurali (4)	14 817	14 451	14 784	14 784	14 784	14 784	14 784	14 784	14 784	103 488
Totali	60 428	60 428	60 412	60 655	60 919	61 159	61 186	61 212	61 239	426 781
Intestatura 1										
Riċerka u Innovazzjoni Agrikola tal-QKA	Mhux	Mhux	682	696	710	724	738	753	768	5 072
Persuni l-aktar fil-bżonn	Mhux	Mhux	379	387	394	402	410	418	427	2 818
Totali	Mhux	Mhux	1 061	1 082	1 104	1 126	1 149	1 172	1 195	7 889
Intestatura 3										
Sikurezza tal-ikel	Mhux	Mhux	352	352	352	352	352	352	352	2 465
Lil hinn mill-MFF										
Riserva għall-kriżijiet agrikoli	Mhux	Mhux	531	541	552	563	574	586	598	3 945
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEAG)	Mhux	Mhux	379	387	394	402	410	418	427	2 818
Li l-massimu tiegħu huwa disponibbli għall-agrikoltura:	Mhux	Mhux	379	387	394	402	410	418	427	2 818
TOTAL										
TOTAL Proposti tal-Kummissjoni (QFM + barra mill-QFM) + dħul allokati	60 428	60 428	62 735	63 017	63 322	63 602	63 671	63 740	63 810	443 898
TOTAL Proposti tal-QFP (jiġifieri li jinkludu r-Riserva u l-FEG) + dħul allokati	60 428	60 428	61 825	62 089	62 376	62 637	62 686	62 736	62 786	437 136

Noti:

- (1) Filwaqt li jiġu kkunsidrati l-bidliet leġiżlattivi diġà miftiehma, jiġifieri modulazzjoni volontarja għar-Renju Unit u l-Artikolu 136, sal-aħħar tal-2013 l-"ammonti li ma jintefqux" mhux se jkomplu japplikaw.
- (2) L-ammonti marbuta mal-limitu annwali propost għall-ewwel pilastru. Madankollu, wieħed għandu jikkunsidra li qed jiġi propost li n-nefqa negattiva titneħħa mill-approvazzjoni tal-kontijiet (li bħalissa tinsab taħt il-partita tal-baġit 05 07 01 06) u titqiegħed fid-dħul allokati (taħt il-partita 67 03). Għad-dettalji, ara t-tabella dwar id-dħul stmat fil-paġna ta' hawn taħt.
- (3) Iċ-ċifri tal-2013 jinkludu l-ammonti għall-miżuri veterinarji u fitosanitarji kif ukoll il-miżuri tas-suq għas-settur tas-sajd.
